# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 82/11/1 JVC**

**Winston Montanaro Gauci f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija Minor Quay Limited (C 11608)**

**v.**

**Tarcisio u Grace konjuġi Rapa, Ta' Gużman Limited (C 26004)**

## PRELIMINARI:

1. Din hija kawża għad-danni allegatament sofferti mill-attur *pro et nomine* minħabba okkupazzjoni llegali u abbużiva mill-konvenuti ta' (i) parti minn kamra *ossia* kċina formanti parti mill-fond 25, Triq Marina, Marsalforn, bil-kejl ta' 14mk u (ii) spazju sottopost għad-daħla tal-ewwel

sular tal-istess proprjeta` bil-kejl ta' 6mk. L-imsemmija proprjeta` kienet mertu ta' ftehim ossia konvenju datat 20 ta' Frar 1992, u wara li dan skada l-konvenuti kienu baqgħu fil-pussess tagħha sakemm ġew ordnati jiżgumbraw permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2011[1] (kawża nru: 81/1994) fejn ġiet riaffermata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2008. Fil-fatt ħarġu mill-ambjenti wara l-ħruġ ta' mandat fir-rigward.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lil Grace Rapa u lis-soċjeta` Ta' Guzman Ltd, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti għajr is-sitt eċċezzjoni (li laqgħet limitatament) u laqgħet it-talbiet attriċi billi ddikjarat lill-konvenut Tarcisio Rapa responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi u kkundannatu jħallasha €50,490 (somma likwidata minnha *arbitrio boni viri*). Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-istess konvenut Tarcisio Rapa.

3. Minn tali sentenza ġew interposti żewġ appelli: wieħed prinċipali da parti tal-konvenut Tarcisio Rapa, u wieħed inċidentali da parti tal-attur *pro et nomine.*

a. Permezz tal-appell prinċipali tiegħu, il-konvenut Tarcisio Rapa

[1] It-talba tal-konjuġi Rapa għal ritrattazzjoni ġiet miċħuda minn din il-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ottubru 2011.

talab lil din il-Qorti:

*"…tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2016…fejn l-Onorabbli Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument a fol 851 sa 857, u mingħajr preġudizzju għal din it-talba, tirriforma s-sentenza deċiża nhar id-29 ta' Novembru 2016 billi filwaqt li tikkonferma l-parti fejn illiberat lil Grace Rapa u s-soċjeta` Ta' Ġuzman Ltd, tirrevoka, tħassar u tannulla l-istess sentenza fejn sabet lill-appellanti responsabbli għad-danni u kkundannatu jħallas l-istess, u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, tiċħad it-talbiet tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati."*

b. <u>Permezz tal-appell inċidentali tiegħu</u>, l-attur Winston Montanaro Gauci pro et nomine:

*"…jinterponu umili appell mid-digrieti mogħtija fit-23 ta' Awwissu 2016, fit-30 ta' Awwissu 2016, tal-15 ta' Novembru 2016, u tat-23 ta' Novembru 2016 u mis-sentenza finali fuq imsemmija tad-29 ta' Novembru 2016…bil-konsegwenza li filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti għajr is-sitt eċċezzjoni li ġiet milqugħa limitatament, hija tirrevoka d-digrieti fejn ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti għall-isfilz tad-dokumenti kollha u s-sentenza appellata limitatament fejn din tirreferi għall-likwidazzjoni tad-danni li ġew kaġunati lill-atturi u dana billi żżid konsiderevolment l-ammont ta' danni hekk likwidati."*

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut Tarcisio Rapa (19.12.2016):</u>**

4. L-aggravji tal-konvenut Tarcisio Rapa huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>** – id-digriet tat-23 ta' Novembru 2016:

Fl-ewwel lok jilmenta li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta qieset li d-dokumenti a fol 851 sa 857 ma kinux intalbu u konsegwentement ordnat l-isfilz tagħhom.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>** – nuqqas ta’ relazzjoni mas-soċjeta` attriċi:

Dan l-aggravju jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni. Il-konvenut appellant isostni li ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi. Jargumenta li l-ftehim tal-1992 kien jorbot lill-attur *proprio*: is-soċjeta` attriċi qatt ma kienet parteċipi. Jgħid li l-ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju *res inter alios acta* meta kkundannatu jħallas danni lilha.

(iii) **<u>It-tielet aggravju</u>** - dwar il-proprjeta` ta’ parti mill-kċina:

Dan l-aggravju jirrigwarda s-seba’ eċċezzjoni. Il-konvenut appellant jargumenta li rriżulta li l-kċina mertu tal-kawża hija proprjeta` tal-Gvern; jgħid li ladarba din ma kinitx tappartjeni lill-atturi ma setgħux jittrasferuha u ma setgħux jitolbu ħlas ta’ danni fir-rigward.

(iv) **<u>Ir-raba’ aggravju</u>** – responsabbilta` għad-danni:

Il-konvenut appellant jargumenta li l-fatt li Montanaro Gauci ġie kkundannat iħallsu €23,283.73/ Lm10,000 fil-kawża l-oħra (81/1994) jikkonferma kif id-difiża tiegħu (Rapa) ma kinitx skarna minn kull raġun jew intiża biex tivvessa. Għalhekk

isostni li ma kellux jitqies li abbuża minn xi dritt tiegħu u allura ma kellux jagħmel tajjeb għal xi allegati danni. Iżid jgħid li kellu dritt jiddefendi ruħu kontra l-pretenzjonijiet tal-attur, u m'għandux iħallas danni li jiġu kkawżati waqt l-eżerċizzju ta' jedd. Iħossu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti sabet li kien "*mar ben oltre l-jedd tiegħu li jiddefendi l-kawża u żgur bid-detenzjoni tal-ambjenti tal-kċina mis-sena 1998 sas-sena 2011 meta sar l-iżgumbrament mill-Qorti, il-Qorti tqis li żgur il-konvenut Tarcisio Rapa kien qed jaġixxi b'abbuż tad-drittijiet tiegħu u għaldaqstant huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi…*"

(v) **<u>Il-ħames aggravju</u>** – il-klawsola nru 11 tal-konvenju

Dan l-aggravju jirrigwarda t-tmin eċċezzjoni, fejn ġie spjegat li l-konvenju kien jinkludi r-rinunzja ta' kirja li l-konvenut kellu fuq il-fond, u t-tpaċija ta' Lm10,000 kera tal-kċina mħallsa sa 5 snin bil-quddiem (sal-1997). L-argument tal-konvenut(i) f'din l-eċċezzjoni kien li ladarba l-attur naqas li jersaq għall-kuntratt, il-kirja tal-fond tal-attur, inkluża l-kċina, kienet għadha veljanti u għalhekk altru milli kien hemm okkupazzjoni abbużiva.

Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli

tikkunsidra l-klawsola nru 11 tal-konvenju, ċioe` l-mertu ta' din it-tmin eċċezzjoni.

(vi) **<u>Is-sitt aggravju</u>** – il-kwantum tad-danni

Il-konvenut appellant, bla preġudizzju għas-suesport, isostni li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti huma esaġerati.

(viii) **<u>Is-seba' aggravju</u>** - l-ispejjeż

Il-konvenut appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkundannatu jħallas l-ispejjeż kollha. Ifakkar li minkejja li l-atturi kellhom pretenzjoni fl-ammont ta' €220,000, irriduċiet dan l-ammont għal €50,490, u li in oltre kien hemm numru ta' rikorsi frivoli ppreżentati mill-atturi, liema rikorsi ġew miċħuda u għalhekk m'għandux iħallas l-ispejjeż tagħhom.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-attur *pro et nomine*, u wkoll APPELL INĊIDENTALI (03.02.2017):</u>**

5. L-attur *pro et nomine* wieġeb biex jgħid li l-aggravji esposti mill-konvenut huma bla bażi u għandhom jiġu respinti.

6. Da parti tiegħu huwa jgħid li ħassu aggravat bid-diversi digrieti mogħtija mill-ewwel Qorti, kif ukoll mis-sentenza u għalhekk intavola appell fir-rigward.

(i) **Appell mid-digrieti**:

Huwa jappella mis-segwenti digrieti li permezz tagħhom l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet relattivi tiegħu:

a. Id-digriet tat-23 ta' Awwissu 2016 fejn ċaħdet it-talba tiegħu għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jingħata l-opportunita` jagħmel kontro-eżami lill-konvenut dwar id-dokumenti preżentati minnu qabel ma jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet;

b. Id-digriet tat-30 ta' Awwissu 2016 fejn reġgħet ċaħdet it-talba tiegħu biex jagħmel kontro-eżami tal-konvenut.

c. Id-digriet tal-15 ta' Novembru 2016 fejn ċaħdet it-talba tiegħu biex jinfetħu l-provi.

d. Id-digriet tat-23 ta' Novembru 2016 fejn ġiet ordnat l-isfilz ta' uħud mid-dokumenti esebiti mill-konvenut u wkoll tan-nota ta' replika tiegħu (l-attur) mill-atti.

Jgħid li jħossu aggravat bil-fatt li d-dokumenti ppreżentati minn Tarcisio Rapa fil-21 ta' Lulju 2016 wara li għalqu l-provi ma ġewx sfilzati kollha, u li jħossu iktar u iktar aggravat bil-fatt li ladarba ma ġewx sfilzati kollha ma ngħatax l-opportunita` li jagħmel il-kontro-eżami tal-istess Tarcisio Rapa, u li apparti minn hekk ma ngħatawx l-opportunita` li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri b'referenza għad-dokumenti li ma ġewx sfilzati.

Għalhekk jitlob lil din il-Qorti tisfilza d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2016, jew altrimenti, f'każ li tilqa' xi wieħed mill-aggravji tal-konvenuti appellanti, tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel qorti biex b'hekk ikun jista' jsir il-kontro-eżami tal-imsemmija dokumenti.

(ii) **Appell mis-sentenza:**

Kwantu għas-sentenza, huwa jħossu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti ma aċċettatx il-figuri ta' danni kif stabbiliti fir-rapport konservattiv tal-*Accountant* Warren Dingli. Isostni li l-ekonomista Cordina ma serva bl-ebda mod biex jiskredita r-rapport ta' Dingli.

Jilmenta wkoll bil-fatt li l-ewwel Qorti qatt ma ddegretat ir-rikors tagħhom fejn talbu l-ħatra ta’ awditur indipendenti biex ikun jista’ jiddetermina l-ammont ta’ danni sofferti minnu. Jgħid li fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2014 l-avukat tiegħu talbet in-nomina ta’ perit, fejn l-ewwel Qorti qalet li peress li l-provi kienu għadhom qed jinġabru “*tħalli d-deċiżjoni fuq din it-talba tal-attur għal aktar ‘il quddiem.”* Iżid jgħid li din it-talba baqgħet ma ġietx degretata minkejja li kien ġibed l-attenzjoni tal-ewwel Qorti għal dan il-fatt permezz ta’ nota ta’ replika ppreżentata fl-aħħar stadji tal-kawża, li pero` ġiet sfilzata.

Huwa jikkontesta bil-qawwa l-bażi li permezz tagħha l-ewwel Qorti kkalkulat id-danni.

**<u>Risposta tal-konvenut għall-appell inċidentali tal-attur *pro et nomine* 27.02.2017:</u>**

7. Il-konvenut wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex din il-Qorti għandha tiċħad l-appell inċidentali tal-attur *pro et nomine.*

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI:</u>**

**(i) <u>L-appelli mid-digrieti:</u>**

8. L-attur *pro et nomine* appella minn erba' digrieti (**<u>23.08.2016</u>**; **<u>30.08.2016</u>**; **<u>15.11.2016</u>**; u **<u>23.11.2016</u>**) filwaqt li l-konvenut ukoll appella minn wieħed minnhom, dak tat-**<u>23.11.2016</u>**.

9. Huwa utli li qabel ma jiġu kkunsidrati l-aggravji relattivi ssir referenza għas-segwenti kronoloġija proċedurali, sabiex wieħed jifhem aħjar l-isfond li fihom ingħataw l-imsemmija digrieti (id-digrieti li dwarhom hemm appell huma enfasizzati b'ittri kbar u skuri):

03.06.2016 <u>Verbal</u>

fejn il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa u ddifferiet il-kawża għas-sentenza għad-29 ta' Novembru 2016, b'dan li l-attur ikun awtorizzat jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet sal-aħħar ta' Awwissu 2016, u l-kontro-parti jkollu sal-aħħar ta' Ottubru 2016.

21.07.2016 <u>Nota tal-konvenuti</u>

fejn spjega li ai termini tal-kontro-eżami tal-konvenut tat-22.03.2016 u tal-20.10.2015, qed jippreżentaw <u>Dok 1 sa Dok 11.</u>

12.08.2016 <u>Rikors tal-attur</u>

fejn talab lill-Qorti tordna l-prolazzjoni tas-sentenza (probabbli ried jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni) wara li ġie notifikat b'diversi dokumenti li ppreżenta l-konvenut fil-21 ta' Lulju 2016, sabiex ikun jista' jikkontro-eżaminah dwarhom.

**23.08.2016 DIGRIET TAL-QORTI**

fejn ikkonfermat it-termini mposti fil-verbal tat-03.06.2016 għall-preżentata tan-noti tas-sottomissjonijiet u ordnat in-notifika tar-rikors tat-12.08.2016 lill-kontro-parti.

**30.08.2016 DIGRIET TAL-QORTI**

fejn ċaħdet ir-rikors tat-12.08.2016. Id-digriet jaqra hekk:

> "… *Tirrileva li fl-aħħar smigħ hija kienet iddikjarat il-provi magħluqa taż-żewġ partijiet;*
>
> *Tinnota li għalkemm l-intimat qed isostni li d-dokumenti esebiti ġew mituba lilu fil-kontro-eżamijiet ma għamilx referenza f' liema parti mix-xiehda tiegħu u qed jippretendi li dan l-eżerċizzju tagħmlu l-Qorti għalih;*
>
> *Tiċħad it-talba sabiex jerġgħu jinfetħu l-provi b'dana iżda li fi stadju tas-sentenza jekk tqis li d-dokumentazzjoni esebiti ma kinitx mitluba mir-rikorrent waqt il-kontro-eżami, tisfilza dawn id-dokumenti li ma kinux mitluba stante li n-nota ġiet preżentata fl-istadju li l-provi kienu ġia magħluqa.*
>
> *Tikkonferma t-termini imposti fl-aħħar verbal u d-data tad-deċiżjoni.*

01.09.2016 Nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

01.09.2016 Rikors tal-attur

fejn talab lill-Qorti tagħtih il-fakulta` li jissoġġetta lill-konvenut Tarcisio Rapa għall-kontro-eżami fir-rigward tad-dokumenti esebiti minnu, u li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri, qabel ma l-kawża tipprosegwi għas-sentenza.

02.09.2016 Digriet tal-Qorti

fejn wara li rat id-digriet tagħha tat-30.08.2016, caħdet it-rikors tal-01.09.2016.

31.10.2016 Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

31.10.2016 Rikors tal-attur

fejn wara li indika diversi istanzi tul il-proċedimenti tal-kawża li skont hu jammontaw għal ksur tal-Art. 6 tal-Konv. Ewr. għad-Drittijiet tal-Bniedem, u wara li talab lill-Qorti tikkonsidra għandhiex tibqa' tieħu konjizzjoni tal-kawża, kemm a bażi ta' rikużjoni u kemm a bażi ta' astensjoni, talab li jerġa' *"jagħmel it-talbiet li għamel fir-rikors fuq imsemmija u jitlob lil din*

*il-Qorti tawtorizzah jippreżenta l-anness affidavit*" (Affidavit tal-attur Winston Montanaro Gauci).

01.11.2016 Digriet tal-Qorti

fejn ordnat in-notifika tad-digriet tal-31.10.2016 lill-kontro-parti.

**15.11.2016 DIGRIET TAL-QORTI**

fejn wara li rrilevat diversi punti fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-attur fir-rigward tagħha ċaħdet, jekk dik kienet l-intenzjoni tiegħu, kwalunkwe talba għar-rikuża tagħha. Kompliet hekk:

> *"…għal darb' oħra qed terġa' tiċħad it-talba sabiex jerġgħu jinfetħu l-provi f' din il-kawża u żżomm ferm ir-riserva li fil-każ jirriżultalha, anki fi stadju tas-sentenza li d-dokumenti esebiti mill-konvenut ma kinux awtorizzati, allura tordna l-isfilz tal-istess dokumenti."*

18.11.2016 Rikors tal-attur

fejn wara li nforma lill-Qorti li in vista tad-digriet tagħha tal-15.11.2016 talab rimedju kostituzzjonali[2], talab il-prolazzjoni tas-sentenza (probabbli ried jitlob is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tagħha) sakemm jiġi deċiż ir-rikors kostituzzjonali.

[2] Il-konvenut fir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-attur aċċenna għall-fatt li r-rikors kostituzzjonali li għalih saret referenza huwa dak bin-numru 99/2016/LSO, fl-ismijiet ***Winston Montanaro Gauci v. L-A.G. u Tarcisio Rapa u Grace Rapa għal kull interess li jista' jkollhom***, liema rikors sussegwentement ġie ċedut.

21.11.2016 Nota ta' replika tal-attur

b'referenza għall-punti sollevati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

**23.11.2016 DIGRIET TAL-QORTI**

fejn spjegat li qrat kelma b'kelma l-atti kollha ta' din il-kawża li jammontaw għal iktar minn 900 paġna. Id-digriet jaqra hekk:

> *"Ivverifikat illi mill-atti li l-konvenut a fol. 735 tal-proċess ġie mitlub mill-attur waqt il-kontro-eżami sabiex jesebixxi l-kopja tal-ftehim ma' Costanz;*
>
> *Ivverifikat illi a fol. 756 il-konvenut ġie mitlub mill-attur jesebixxi kopja tal-kuntratt ma' Debono cioe` meta xtara l-maħżen li llum huwa r-ristorant proprjeta` tiegħu jew tas-soċjeta` Guzman Ltd;*
>
> *Ivverifikat illi a fol. 774 tal-proċess il-konvenut ġie mitlub mill-attur jesebixxi kopja tad-dokumenti relatati mal-impjegati tar-ristorant tiegħu tul is-snin;*
>
> *Ivverifikat illi a fol. 791 tal-proċess l-Avukat tal-attur baqgħet tinsisti il jiġu esebiti dawn id-dokumenti tant li għamlet riserva għall-esibizzjoni tal-istess dokumenti;*
>
> *Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Ġunju 2016 ġew dikjarati l-provi magħluqa minn din il-Qorti;*
>
> *Rat illi permezz ta' nota datata 21 ta' Lulju 2016 il-konvenut esebixxa a fol. 830 sa 833 id-dokumenti mitluba minnu mill-attur stess a fol. 735;*
>
> *Rat illi permezz tal-istess nota a fol. 834 sa 844 il-konvenut esebixxa d-dokumenti mitluba minnu mill-attur stess a fol. 756;*
>
> *Rat illi permezz ta' l-istess nota a fol. 858 u 859 il-konvenut esebixxa d-dokumenti mitluba minnu mill-*

*attur stess a fol. 774 tal-proċess;*

*Rat illi permezz ta' l-istess nota iżda l-konvenut esebixxa wkoll dokument a fol. 845 sa 850 li jikkonsisti f' kopja ta' ftehim li hemm bosta kopji tiegħu oħra fl-atti allura ma jammonta għal xejn ġdid fl-atti;*

*Rat iżda illi d-dokumenti a fol 851 sa 857 tal-proċess fl-ebda mument ma ġew mitluba mill-attur lill-konvenut u għaldaqstant qed tordna l-isfilz tagħhom;*

*Rat ukoll illi l-attur ippreżenta fl-atti replika għan-nota tal-konvenuti datata 21 ta' Novembru 2016 liema replika ma kinitx awtorizzata minn din il-Qorti u tordna l-isfilz ukoll ta' din in-nota."*

10. Kif jista' jiġi osservat, l-erba' digrieti appellati huma kollha marbuta mad-dokumenti Dok 1 sa Dok 11 li ġew ippreżentati mill-konvenut fil-21 ta' Ġunju 2016. Għalkemm dawn ġew ippreżentati ftit ġimgħat wara li kienu ngħalqu l-provi u wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza, il-konvenut isostni li dawn kienu ntalbu minnu waqt il-kontro-eżamijiet tiegħu.

11. L-attur da parti tiegħu talab li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza biex jkun jista' jikkontro-eżamina lill-konvenut dwarhom, iżda l-ewwel Qorti kkonfermat it-termini imposti fil-verbal (**digriet:** 23.08.2016); u ċaħdet it-talba għall-ftuħ tal-provi mill-ġdid, għalkemm għamlet riserva fis-sens li jekk jirriżultalha li hemm xi dokumenti li ma kinux mitluba kienet ser tordna l-isfilz tagħhom (**digriet**: 30.08.2016). L-attur reġa' rreitera t-talba tiegħu u anke jippreżenta affidavit, u l-ewwel Qorti reġgħet żammet ferm mal-pożizzjoni oriġinali tagħha u għalhekk ċaħdet it-talba tiegħu (**digriet:** 15.11.2016). Wara li l-attur reġa' nsista fuq is-sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza, u din id-darba anke aċċenna għall-proċeduri kostituzzjonali li kien intavola wara d-digriet tal-15 ta' Novembru 2016, l-ewwel Qorti fliet bir-reqqa l-atti u rriżultalha li fil-kontro-eżami tiegħu, il-konvenut kien intalab jippreżenta:

a. Kopja tal-ftehim ma' Costanz (fol. 735), li fir-rigward ġew esebiti d-dokumenti Dok 1-4 (fol. 830-833);

b. Kopja tal-kuntratt li bih il-konvenut xtara l-maħżen (fol. 756), li fir-rigward ġie esebit Dok 5 (fol 834-835);

c. Kopja tad-dokumenti relatati mal-impjegati tiegħu tul is-snin (fol. 774), li fir-rigward ġie esebit Dok 11 (fol 858-859);

Qieset li Dok 6 (fol 845-850) li huwa kopja tal-ftehim ta' bejn il-partijiet, għalkemm mhux mitlub, diġa` kien ġie esebit, u qieset li d-dokumenti Dok 7-10 (fol. 851-857) ma ġewx mitluba u għalhekk ordnat l-isfilz tagħhom biss (**digriet**: 23.11.2016).

12. Fl-appell prinċipali tiegħu (l-ewwel aggravju) il-konvenut isostni li dik il-parti tad-digriet tal-23 ta' Novembru 2016 fejn ġie ordnat l-isfilz ta' dokumenti Dok 7-10 għandha tiġi mħassra u jsostni li tali dokumenti ġew mitluba lilu fil-kontro-eżami u jikkonfermaw li ma hu responsabbli għall-

ebda danni allegatament sofferti mill-attur. Fl-appell inċidentali tiegħu, <u>(l-ewwel aggravju</u>) l-attur da parti tiegħu qal li anke jekk ċertu dokumenti kienu mitluba ma jfissirx li ma setax jissoġġetta lill-konvenut għall-kontro-eżami dwarhom; għalhekk jappella mill-erba' digrieti kollha u talab lil din il-Qorti "*tirrevoka d-digrieti fejn ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti għall-isfilz tad-dokumenti kollha…*"

13. Kwantu għad-dokumenti <u>Dok 1-6 u Dok 11</u>, jirriżulta li dawn kienu fil-fatt mitluba mill-attur waqt il-kontro-eżami tal-konvenut. Veru li, kif jargumenta l-attur fl-appell inċidentali tiegħu, meta jiġu ppreżentati dokumenti l-parti l-oħra għandu jkollha l-opportunita` li tagħmel mistoqsijiet dwarhom, iżda trattandosi ta' dokumenti li ġew mitluba mill-attur stess b'rabta ma' dak li kien qed jixhed dwaru fil-kontro-eżami tiegħu, din il-Qorti ma tarax li kien il-każ li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza biex il-konvenut jiġi kontro-eżaminat mill-ġdid fuqhom. Jekk id-dokumenti mitluba kinux fil-fatt ser jissostanzjaw jew ixejnu dak li xehed dwaru l-konvenut, dak imbagħad setgħet tarah il-Qorti, għaliex id-dokumenti jitkellmu waħedhom. Lanqas ma kien il-każ li jiġu sfilzati: għalkemm ġew ippreżentati wara li ngħalqu l-provi l-attur kien għadu ma ppreżentax in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Fil-fatt kien għad fadallu numru ta' ġimgħat sabiex jippreżentaha u għalhekk kellu kull opportunita` jagħmel kwalsiasi sottomissjonijiet dwar l-imsemmija dokumenti.

14. Kwantu għad-digriet fejn l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tan-nota ta' replika tal-attur, din il-Qorti ma tara li hemm xejn ċensurabbli tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti kienet awtorizzat biss il-preżentazzjoni ta' nota ta' sottomissjonijiet waħda da parti tal-attur u nota ta' sottomissjonijiet waħda da parti tal-konvenuti, u għalhekk in-nota ta' replika ġiet ippreżentata mingħajr awtorizzazzjoni.

15. **Għalhekk l-aggravji tal-attur *pro et nomine* fir-rigward tad-digrieti tat-<u>23 ta' Awwissu 2016</u>, <u>30 ta' Awwissu 2016</u>, <u>15 ta' Novembru 2016</u> u tat-<u>23 ta' Novembru 2016</u> jirriżultaw bla bażi.**

16. Kwantu għad-<u>Dok 7-10</u> din il-Qorti ħarġithom mill-involokru li fih kienu jinsabu in segwitu għall-isfilz tagħhom, u rriżultalha li huma:

a. <u>Dok 7</u> (fol 851-853) - dokumenti tas-sena 1987 dwar meta l-kirja tal-fond 25, Triq Marina, Marsalforn kienet fuq il-konvenuta Grace Rapa;

b. <u>Dok 8</u> (fol 854-855) - ftehim datat Frar 1980 bejn l-attur u l-konvenuta Grace Rapa;

c. <u>Dok 9-10</u> (fol 856-857) – dokumenti dwar taxxa li tnaqqset fl-1976 fir-rigward ta' ħaddiema li jaħdmu fir-*restaurant* ġestit mill-

konvenut.

17. Il-konvenut fl-appell tiegħu sostna li Dok 7 u Dok 8 ġew mitluba mill-attur waqt li kien qed jixhed in kontro-eżami, u jirreferi senjatament għal paġna 35 (fol. 768). Kif josserva l-attur pero`, meta wieħed jara tali paġna jinnota li fl-ebda mument ma ġie mitlub jippreżenta xi dokumenti, wisq anqas dawk li ġew immarkati Dok 7 u Dok 8. Kwantu għad-dokumenti Dok 9 u 10 jgħid li dawn ġew mitluba f'paġna 42 tal-kontro-eżami tiegħu (fol. 775). Fil-fatt f'tali paġna jidher li intalbu dokumenti dwar l-impjegati li kellu l-konvenut fiż-żmien tal-1992[3] u allura għalkemm Dok 11 huwa rilevanti għaliex jinkludi tali data (kif korrettement irriżulta lill-ewwel Qorti) Dok 9 u 10 mhumiex hekk rilevanti għaliex jirrigwardaw is-sena 1976.

18. **Għalhekk kienet korretta l-ewwel qorti meta ordnat l-isfilz tad-dokumenti Dok 7-10, u allura l-aggravju tal-konvenut fir-rigward tad-digriet tat-<u>23 ta' Novembru 2016</u> jirriżulta nfondat.**

**<u>(ii) L-appelli mis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2016:</u>**

19. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-kontendenti fir-

---

[3] Dr. Georgine Schembri: (fol 774-775)
"*Issa inti għidt li dak iż-żmien kellek sittax-il ħaddiem, issa jiena qed nitolbok iġġibli prova mill-ETC jew minn fejn hemm bżonn li verament kellek dan l-ammont ta' ħaddiema kollha. Għax sa fejn nafu aħna kellek ħafna inqas ta…..Mela ġibilna lista uffiċjali tal-ħaddiema li kellek miegħek dak iż-żmien, ok.*"

rigward tas-sentenza huwa opportun li ssir referenza għas-segwenti kronoloġija ta' fatti:

| | |
|---|---|
| 17.03.1981 | Tarcisio Rapa xtara l-fond 24 Marina Street, Marsalforn[4] |
| 07.07.1981 | Tarcisio Rapa xtara parti mill-fond numru 3, Church Square, Marsalforn, liema proprjeta` tiġi retroposta għall-fond 24 Triq Marina, Marsalforn.[5] |
| 22.04.1989 | Skrittura privata[6] bejn l-attur Winston Montanaro Gauci (*lessor*) u Grace Rapa (*lessee*) li permezz tagħha inkera r-restaurant "Republic Restaurant", ground floor, numru 25, Marina Street, Marsalforn għal perjodu ta' 9 snin. Il-klawsola nru 2 taqra hekk: |

> *"2. The lease is for a period of nine years of which the first eight years are binding on both parties and the final year is at the option of the lessee.*
>
> *Provided that should the lessee opt not to avail himself of the nineth year he shall inform the lessor of his decision in writing not later than 6 months before the lapse of the 8th year of the lease."*

| | |
|---|---|
| 22.04.1989 | Skrittura privata oħra[7] bejn l-attur Winston |

[4] Kif ġie spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawża 81/1994
[5] Fol 834 et seq
[6] Fol 701 et seq
[7] Fol 704 et seq

Montanaro Gauci (*borrower*) u Grace Rapa (*lender*) fejn ġie miftiehem li Grace Rapa kellha tislef lil Montanaro Gauci Lm14,000 b'mod li s-somma "*shall be handed over to the borrower in such several amounts and after such intervals of time as may be requested by the said borrower.*"

01.09.1989 L-attur Winston Montanaro Gauci xtara l-fond 25, Marina Street, Marsalforn mingħand missieru.[8]

20.02.1992 Ftehim[9] li permezz tiegħu l-attur intrabat li jbiegħ lill-konvenuti parti separata minn kamra (kċina) formanti parti mill-fond 25, Marina Street, Marsalforn, (kejl ta' 14mk) u spazju li jiġi sottopost għad-daħla tal-ewwel sular tal-istess proprjeta` (6mk). Il-bejgħ kellu jsir għas-somma ta' Lm10,000 li kellha tkun "*set off against a similar sum paid by the purchaser to the vendor in virtue of the loan agreement of the 22nd April 1989.*"

24.06.1993 Is-soċjeta` Minor Quay Ltd ħadet b'ċens għal 25

[8] Kif ġie spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawża 81/1994
[9] Il-kopja a fol 845 et seq hija l-iktar waħda ċara

sena il-fond 25, Marina Street, Marsalforn[10].

14.09.1993 L-attur intima lill-konvenut b'ittra ufficjali sabiex jersaq għall-kuntratt, jiżgombra mill-fond 25 għar-raguni li kien qiegħed jokkupah mingħajr titolu, u jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni konsegwenza tal-okkupazzjoni illegali[11]

19.10.1993 Seħħet tranżazzjoni bejn il-partijiet fl-atti tal-kawża 33/93[12]. Il-parti rilevanti taqra hekk:

> *"Il-partijiet jaqblu li jittransiġu l-pendenzi kollha ta' bejniethom bil-mod li ġej: l-attur ikun awtorizzat sabiex huwa jidħol fil-pussess tal-fond numru 25, Triq Marina, Marsalforn, Għawdex, hekk kif jiġi imblukkat l-aċċess li hemm minn dan il-fond għall-fond 24, liema imblukkar għandu jsir fi żmien ġimgħa mil-lum…"*

L-imblukkar sar u Rapa ivvaka mill-fond 25 u kkonsenja ċ-ċwievet, pero` meta sar l-imblukkar, l-ambjenti tal-kċina u dawk tas-sottoswol, oġġett tal-konvenju tan-1992, ma kinux effettwati fis-sens li baqghu nkorporati fil-fond tal-konvenut numru 24. (Il-kuntratt tat-trasferiment ta' dawn l-ambjenti qatt ma ġie formalizzat u ma sarx.)[13]

---

[10] Kif ġie spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawża 81/1994
[11] Kif ġie spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawża 81/1994
[12] Verbal tad-19.10.1993, fol 652-653
[13] Kif ġie spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' Mejju 2008 fil-kawża 81/1994

| | |
|---|---|
| 1994 | Winston Montanaro Gauci ntavola l-kawża 81/1994 kontra l-konjuġi Rapa fejn talab li jiġi dikjarat li l-kitba tal-20.02.1992 tilfet kull effett legali minħabba d-dekorrenza tat-terminu miftiehem, u li allura l-konvenuti qed jokkupaw l-ambjenti mertu tal-kitba mingħajr titolu, u biex jiġu ordnati jiżgumbraw. Il-konvenuti għamlu kontro-talba fejn talbu li l-attur jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm10,000 u li jiġi dikjarat li l-kirja favur Grace Rapa tal-fond 24 għadha veljanti. |
| 30.05.2008 | Ġiet deċiża l-kawża 81/1994 fejn il-konvenuti ġew ordnati jiżgumbraw, l-attur ġie ordnat iħallas lura s-somma ta' Lm10,000 u t-talba biex jiġi dikjarat li l-kirja favur Grace Rapa għandha veljanti ġiet miċħuda. |
| 25.02.2011 | Is-sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti tal-Appell. |
| 11.10.2011 | It-talba għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda. |

11.10.2011 Winston Montanaro Gauci ntavola il-kawża odjerna għad-danni allegatament sofferti minnu minħabba l-okkupazzjoni llegali tal-ambjenti in kwistjoni da parti tal-konvenuti.

20. Il-konvenut appella minn diversi partijiet tas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2016 (inkluż mill-kwantum tad-danni likwidati), filwaqt li l-aggravji tal-attur kollha huma marbuta mal-kwistjoni dwar il-kwantum tad-danni. Għalhekk din il-Qorti ser tibda' biex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenut li jirrigwardaw l-eċċezzjonijiet preliminari u l-kwistjoni dwar jekk għandux effettivament jitqies responsabbli għal xi danni, u f'każ li jirriżulta li hemm danni x'jiġu likwidati hija mbagħad tgħaddi biex tikkonsidra l-argumenti taż-żewġ partijiet dwar il-likwidazzjoni.

<u>It-tieni aggravju tal-konvenut dwar l-ewwel eċċezzjoni:</u>

21. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew li qatt ma kellhom x'jaqsmu mas-soċjeta` attriċi Minor Quay Limited u li għalhekk għandhom jiġu meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħha. L-ewwel Qorti qieset li għalkemm huwa minnu li l-konvenuti qatt ma kellhom x'jaqsmu ma' din il-kumpanija, fil-perjodu li għalih l-attur *pro et nomine* qed ifittex għad-danni, ċioe` mill-2000 sal-2010, il-ġestjoni tal-fond 25, Triq Marina, Marsalforn, kienet ġiet mgħoddija mill-attur lil din is-soċjeta` permezz ta' enfitewsi termporanja għal ħamsa u għoxrin sena, li

bdew jiddekorru mill-24 ta' Ġunju 1993. Għalhekk qieset li kwalsiasi danni li setgħu kkaġunaw il-konvenuti bil-fatt li ma żgumbrawx mill-ambjenti in kwistjoni, allura bilfors li sofriethom tali soċjeta` u mhux l-attur *proprio,* u id-dritt tiegħu li jiġbor iċ-ċens mingħand is-soċjeta` baqa' mhux mittiefes. Għalhekk qieset li hemm ness ġuridiku bejn il-konvenuti (jew min minnhom) u s-soċjeta` Minor Quay Limited.

22. Fit-tieni aggravju tiegħu l-konvenut jargumenta li l-ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju tar-*res inter alios acta* meta kkundannatu jħallas id-danni lil Minor Quay Limited.

23. Din il-Qorti ma tarax li għandu raġun. Is-soċjeta` konvenuta ġiet neċessarjament inkluża f'din il-kawża peress li hija kienet għal diversi snin l-utilista tal-fond 25, Triq Marina, Marsalforn, li jinkludi l-ambjenti in kwistjoni, u għalhekk hija daħlet fil-vesti ta' Winston Montanaro Gauci għal dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-fond 25, Triq Marina, Marsalforn. Jekk jirriżulta li l-konvenut kien qed jiddetjeni abbużivament l-ambjenti in kwistjoni (li jinkludu proprju parti mill-kċina tal-fond 25), u allura jiġi li jrid jagħmel tajjeb għad-danni, tali danni neċessarjament ikunu fil-konfront tas-soċjeta` Minor Quay Limited.

24. Ironikament, kif osservat l-ewwel Qorti, fil-kawża 81/1994 (***Winston Montanaro Gauci v. Tarcisio Rapa et***) fejn l-attur Montanaro

Gauci kien qed jitlob l-iżgumbrament tal-konjuġi Rapa mill-ambjenti in kwistjoni, formanti parti mill-fond 25, Triq Marina, Marsalforn, il-konjuġi Rapa kienu qajmu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Montanaro Gauci peress li kien għadda l-fond 25, Triq Marina, Marsalforn b'enfitewsi temporanja lil Minor Quay Limited (tali eċċezzjoni kienet ġiet miċħuda stante li ladarba Montanaro Gauci kien qed jaġixxi bħala sid tal-fond kellu l-interess ġuridiku biex jitlob l-iżgumbrament). Għalhekk anke f'tali kawża l-konvenuti odjerni kienu qed jirrikonoxxu li l-imsemmija soċjeta` kellha interessi fir-ristorant.

25. Għaldaqstant dan l-aggravju jirriżulta infondat.

<u>It-tielet aggravju tal-konvenut dwar is-seba' eċċezzjoni:</u>

26. Fis-seba' eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew li porzjon sostanzjali mill-kċina in kwistjoni mhix proprjeta` tal-atturi; it-teżi tagħhom hija li tali art hija tal-Gvern. Huma ttentaw iressqu provi f'dan is-sens iżda l-ewwel Qorti (fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2016) ma awtorizzathomx iressqu provi ulterjuri fir-rigward "*in vista illi mhux kontestat li fi kwalunkwe każ fiż-żmien relatat għat-talbiet odjerni l-pussess kien f'idejn l-attur".* Fis-sentenza tagħha rriteniet li l-kwistjoni dwar jekk effettivament jistax ikun li parti mill-ambjenti in kwistjoni hux reġistrati favur il-Gvern, u x'jeddijiet jista' allura jkollu l-attur biex jiddefendi l-proprjeta` tiegħu, tmur oltre l-kawża odjerna li tikkonċerna limitatament il-kwistjoni dwar jekk il-

konvenuti naqsux mill-obbligu tagħhom li rritornaw l-ambjenti in kwistjoni, kif fil-fatt ġew ordnati li jagħmlu fil-kawża 81/1994. In oltre qieset li wara li l-konvenuti żgumbraw mill-ambjenti reġgħet ġiet f'idejn tal-attur u għadha fil-pussess tiegħu; u qieset ukoll li r-raġuni għaliex l-ambjenti ma ġewx ritornati ma kinitx relatata mal-kwistjoni dwar jekk l-attur kienx proprjetarju jew le, iżda uninkament għaliex il-konvenut żammhom sakemm jitħallas l-ammont pretiż minnu.

27. Fit-tielet aggravju tiegħu l-konvenut jargumenta li l-kċina li hija mertu tal-kawża odjerna hija proprjeta` tal-gvern u għalhekk ma setgħetx tinbiegħ mill-attur skont il-konvenju tal-1992, u wisq anqas allura hemm danni x'jiġu likwidati. Ikompli jgħid li għalhekk l-atturi ma setgħux jitolbu ħlas ta' danni meta l-proprjeta` qatt ma setgħet tgħaddi għand il-konvenuti. Jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti waqfet dwar il-premessa tal-pussess u ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni dwar is-seba' eċċezzjoni. Isostni li l-ewwel Qorti kellha tiddikjara li l-atturi ma setgħu qatt jirreklamaw li sofrew danni ta' proprjeta` li ma kinitx tagħhom li ma setgħetx tiġi trasferita lill-konvenuti.

28. L-attur da parti tiegħu jsostni li l-provi li l-konvenuti ppruvaw jippreżentaw biex juru li l-ambjenti in kwistjoni (jew parti minnhom) huma proprjeta` tal-Gvern u tiegħu, huma mbagħbsa. Isostni li fix-xhieda tiegħu, Stephen Chircop in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet,

waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2016 ikkonferma kif in-notament li sar fuq il-pjanta minn Rapa ma kienx jinsab fuq id-dokument oriġinali. Jargumenta għalhekk li l-konvenut kien żied il-marka fuq il-pjanta li ppreżenta u li tinsab a fol 730 tal-proċess. Jenfasizza li Stephen Chircop bl-ebda mod ma xehed li l-kċina in kwistjoni tifforma parti minn proprjeta` tal-Gvern.

29. Din il-Qorti tagħmilha ċara li dan mhux l-forum addattat biex jiġi determinat jekk l-ambjenti in kwistjoni humiex tal-attur jew tal-Gvern. Fi kwalunkwe każ jiġi enfasizzat li l-kuntratt finali baqa' ma sarx mhux minħabba xi dubju jekk l-attur kienx fil-fatt sid l-ambjenti mertu tal-ftehim tal-1992, iżda minħabba raġunijiet oħra. (L-attur da parti tiegħu jsostni li kienu l-konvenuti stess li bdew itawlu l-proceduri għall-ħruġ tal-permessi, filwaqt li l-konvenut principalment isostni li l-attur ried aktar flus minn kemm kien miftiehem bejniethom). Hekk ukoll, ir-raġuni għaliex il-konvenuti rrifjutaw li joħorġu mill-ambjenti in kwistjoni ma kinitx għaliex dehrilhom li l-attur ma kienx is-sid, iżda minħabba li l-attur baqa' ma ħallashomx l-ammont pretiż minnhom.

30. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ċaħdet is-seba' eċċezzjoni u allura dan it-tielet aggravju tal-konvenut jirriżulta nfondat.

Il-ħames aggravju dwar it-tmien eċċezzjoni:

31. (Din il-Qorti qed tikkunsidra l-ħames aggravju qabel ir-raba' wieħed stante li l-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti kinux qed jokkupaw l-ambjenti in kwistjoni taħt titolu ta' inkwilinat huwa ta' importanza sostanzjali fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet relattivi għar-raba' aggravju).

32. Fit-tmien eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti aċċennaw għall-kirja (ta' 9 snin) li kellhom skont il-ftehim tat-22 ta' April 1989. Sostnew li ladarba l-kuntratt baqa' ma sarx tali kirja baqgħet veljanti u għalhekk ma jistax jingħad li kienu qed iżommu l-ambjenti mingħajr titolu u abbużivament.

33. Il-Qorti tirreferi għal dak li ser jingħad f'paragrafu 38 ta' din is-sentenza u l-konsiderazzjoni magħmula hemm tagħti risposta għal dan l-aggravju li jirrizulta bla ebda fondament.

34. Il-konvenut fil-ħames aggravju tiegħu jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-klawsola nru 11 tal-ftehim (konvenju) tal-20 ta' Frar 1992 li taqra hekk:

> "*This sale and transfer shall be concluded between parties within one month from the date that upon purchaser obtains all the necessary licenses and permits to operate her adjacent property at number twenty four (24) Marina Street, Marsalforn as a catering establishment but in any case not later than two years from to-day, failing which, this agreement shall be rescinded and be deemed to be null and any obligations, servitudes, rights and anything stipulated in this deed*

> *shall be annulled, cancelled and rescinded in such a way that the parties shall retain their legal position and relationship existing before the signing of this deed."*

35. Isostni li in vista ta' tali klawsola l-partijiet kellhom "jirrivertu" lura fl-istess pożizzjoni li kellhom qabel ma seħħ il-konvenju u għalhekk f'relazzjoni ta' inkwilinat, li tikkonferma li l-okkupazzjoni tagħhom ta' parti mill-kċina in kwistjoni kienet soġġetta għal kirja.

36. Din il-Qorti ssib li dan l-argument huwa kompletament bla bażi.

37. Bil-konvenju tal-1992 il-partijiet qablu "*to modify their legal relations and obligations and terminate the leasehold created in virtue of the abovementioned agreement of the 22nd April 1989….";* b'dan li permezz tal-klawsola nru 11 ftehmu li f'każ li ma jaslux għall-kuntratt finali *the parties shall retain their legal position and relationship existing before the signing of this deed."* Għalhekk għalkemm iddikjaraw li kienu qed jitterminaw il-kirja tal-fond 25 (li jinkludi l-ambjenti mertu tal-konvenju), kienu ser jibqgħu fil-pussess tal-fond, b'mod li jekk il-kuntratt ma jsirx jitqies li l-kirja kienet baqgħet għaddejja.

38. Issa wara t-tranżazzjoni tal-1993 – li seħħet wara l-konvenju tal-1992 - il-konvenuti ħarġu mill-fond numru 25 u ċ-ċwievet relattivi ġew ikkonsenjati lill-attur. <u>Dan il-fatt neċessarjament jimplika li l-kirja tal-fond numru 25 spiċċat definittivament</u>. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti

li f'dak l-istadju l-klawsola 11 tal-konvenju tilfet l-effett tagħha. Wara li seħħet tali tranżazzjoni fil-kawża 33/93 fejn il-konvenuti rrilaxxaw il-fond numru 25, ma kienx imbagħad iktar possibbli li f'każ li l-kuntratt finali ma jseħħx "*the parties* ***shall retain*** *their legal position and relationship existing before the signing of this deed."* (enfasi ta' din il-Qorti). Il-kelma wżata fil-klawsola numru 11 hija "*retain*" u mhux "*revert back to*". Kif jista' jitqies li f'każ li l-kuntratt finali ma jsirx, jiġi li baqgħet għaddejja l-kirja tal-fond numru 25, meta wara t-tranżazzjoni tal-1993, il-fond mikri ġie fiżikament ritornat lura lill-attur?

39. Din il-Qorti tqis ukoll li r-raġuni għaliex tul is-snin il-konvenuti baqgħu ma rritornawx l-ambjenti tal-kċina lill-attur ma kinitx għaliex ippretendew li kien għad hemm xi kirja fuqha iżda għaliex ippretendew li l-attur kellu jirrifondi l-Lm10,000 li kienu "mislufa" lilu. Issa fit-tmien eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jgħidu li t-tpaċija tal-Lm10,000 li tissemma fil-konvenju tal-20 ta' Frar 1992 kienet tirrappreżenta kera mħallsa bil-quddiem għal ħames snin sal-1997. Għalkemm jgħidu li l-Lm10,000 tirrappreżenta kera tal-"kċina", il-kirja effettivament kienet għall-fond kollu, 25, Triq Marina, Marsalforn. Ladarba l-konvenuti rrilaxxaw il-fond numru 25, anke jekk irrifjutaw li jirrilaxxaw ukoll l-ambjenti tal-kċina qajla jista' jitqies li f'każ li l-kuntratt ma jseħħx (kif fil-fatt ma seħħx) allura l-kirja fil-konfront biss tal-kċina setgħet tibqa' veljanti bl-applikazzjoni tal-klawsola 11. In oltre l-fatt innifsu li l-konvenut tul is-snin

baqa' jinsisti li ma jirrilaxxax il-kċina qabel ma l-attur jirrifondilu l-Lm10,000 (li skont it-tmien eċċezzjoni jirrappreżentaw kera imħallsa bil-quddiem sal-1997) ikompli jikkonferma kemm il-kirja tal-fond numru 25 kienet spiċċat definittivament bit-transazzjoni tal-1993. Bil-mod kif inbidlu ċ-ċirkostanzi wara t-transazzjoni tal-1993 din il-Qorti ma tarax kif jista' jitqies li l-klawsola 11 tal-konvenju tal-1992 baqgħet applikabbli.

40. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

Ir-raba' aggravju dwar ir-responsabbilta` għad-danni:

41. L-ewwel Qorti qieset li l-argument tal-konvenuti fir-rigward tat-tielet, raba' u ħames eċċezzjonijiet huwa li d-dewmien da parti tagħhom sabiex ġew rilaxxati l-ambjenti in kwistjoni kien unikament riżultat tal-fatt li huma eżerċitaw id-dritt tagħhom li jiddefendu ruħhom fil-kawża kontrihom, pero` rriżultalha miċ-ċirkostanzi li l-konvenut Tarcisio Rapa mar "ben oltre" l-jedd tiegħu li jiddefendi l-kawża. Qieset li bid-detenzjoni tal-ambjenti mill-1998 sal-2011 (meta sar l-iżgumbrament fuq ordni tal-Qorti) huwa aġixxa b'abbuż tad-drittijiet tiegħu u għalhekk huwa responsabbli għal kwalsiasi danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi. Hija waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset li baqa' jokkupa l-ambjenti (i) nonostante l-verbal ta' tranżazzjoni tad-19 ta' Ottubru 1993 (ii) nonostante li wara April 1998 kwalsiasi kirja li seta' kien hemm favur il-konvenuti jew min minnhom kienet skadiet; u (iii) bħal speċi ta' rahan sakemm l-attur iroddlu l-flus lura.

42. Il-konvenut isostni li l-ewwel Qorti sabitu responsabbli għad-danni minħabba interpretazzjoni erronja tal-provi. Jaċċenna għall-fatt li fil-kawża 81/1994 kienet irriżultat fondata l-kontro-talba tiegħu in kwantu talab lill-Qorti tordna lil Winston Montanaro Gauci jħallsu s-somma ta' €23,283.73/ Lm10,000 u għalhekk jargumenta li d-difiża tiegħu ma kinitx skarna minn kull raġun jew immirata biex tivvessa lill-attur. Jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti nterpretat il-fatt li huwa żamm l-ambjenti bħala rahan sakemm jieħu flus pretiżi minnu, u jsostni li huwa aġixxa fil-limiti tal-liġi biex jiddefendi ħwejġu konsistenti fi kċina li tforni r-ristorant tiegħu, għal liema kċina kienu diġa` ħallsu (hawn jidher li qed jirreferi għas-*set-off* li tissemma fil-ftehim). Kwantu għall-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-verbal tad-19 ta' Ottubru 1993 (fil-kawża ***Winston Montanaro Gauci v. Tarcisio Rapa,*** 33/1993) meta saret tranżazzjoni fejn Montanaro Gauci kien awtorizzat jieħu l-pussess tal-fond 25, Triq Marina, Marsalforn, huwa jenfasizza li t-tranżazzjoni kienet saret qabel ma għaddew is-sentejn stipulati mill-konvenju u qabel ma saret il-kawża 81/1994 u għalhekk ma setgħetx tittieħed bħala prova ta' abbuż ta' dritt, u dan in vista ta' dak li segwa wara, jiġifieri l-aġir tal-attur fejn baqa' jitlob iktar flus b'kundizzjoni li jekk ma jgħaddilux iktar flus, ma kienx ser jersaq għall-kuntratt.

43. Din il-Qorti ma ssibx li għandu raġun. Veru li fil-kawża 81/1994 l-attur ġie kkundannat iħallas lill-konvenuti s-somma ta' €23,283.73 / Lm10,000 kif talbu l-istess konvenuti fil-kontro-talba tagħhom, iżda dan ma jiġġustifikax il-fatt li baqgħu jiddetjenu proprjeta` li ma kellhom l-ebda dritt fuqha. Huwa irrilevanti l-argument li t-tranżazzjoni tal-1993 seħħet qabel ma skada l-konvenju u qabel ma saret il-kawża 81/1994, għax jibqa' l-fatt li (kif irriżulta lil din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħames aggravju) il-<u>kirja spiċċat definittivament fl-1993</u> meta l-partijiet qablu li l-fond numru 25 jiġi rilaxxat lill-attur u għalhekk id-detenzjoni tal-ambjenti tal-kċina (formanti parti mill-fond 25) oltre tali data ma kinitx ġustifikata. (Dan apparti l-fatt li kif qalet l-ewwel Qorti, il-verbal tat-tranżazzjoni fih innifsu għandu setgħa ta' sentenza).

44. Kif irriteniet l-ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tas-somma pretiża, din setgħet ġiet ikkawtelata b'rimedji legali (bħal mandati kawtelatorji) u mhux biż-żamma tal-ambjenti in kwistjoni. Il-konvenuti evidentement kienu qegħdin jieħdu vantaġġ ekonomiku mill-kċina li baqgħet inkorporata fil-fond tagħhom 24, Triq Marina, Marsalforn, u baqgħu jgawduha sakemm adirittura ġew żgumbrati b'mandat. In-naħa l-oħra tal-munita għall-vantaġġ ekonomiku li kienu qegħdin jieħdu l-konvenuti vis-à-vis ir-ristorant tagħhom (fil-fond 24) bid-detenzjoni tal-ambjenti tal-kċina jissarraf fi żvantaġġ ekonomiku li kienet qegħda ssofri s-soċjeta` attriċi

vis-à-vis ir-ristorant ġestit minnha (fil-fond 25) minħabba n-nuqqas ta' tali ambjenti tal-kċina.

45. In vista ta' dan kollu dan l-aggravju jirriżulta infondat ukoll.

<u>Is-sitt aggravju tal-konvenut; u t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tal-attur dwar il-kwantum tad-danni:</u>

46. Fis-sitt aggravju tiegħu l-konvenut jilmenta li (mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti tiegħu) l-kwantum tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' <u>€50,490</u> huwa esaġerat u ma jirriflettix il-verita`; fl-appell inċidentali tiegħu l-attur invece jargumenta/jilmenta li:

- l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ma aċċettatx il-figuri tad-danni kif stabbiliti mill-*accountant* Warren Dingli fl-ammont ta' <u>€220,000.62</u>;

- l-ewwel Qorti qatt ma ddekretat ir-rikors tiegħu biex jinħatar awditur indipendenti biex jiddetermina l-ammont tad-danni hu;

- l-ewwel Qorti llikwidat id-danni fuq konsiderazzjonijiet ħżiena.

47. Din il-Qorti ser tibda' billi tikkunsidra l-aggravju sollevat mill-attur fl-appell inċidentali tiegħu dwar it-talba tiegħu biex jinħatar awditur sabiex jiddetermina l-ammont tad-danni hu. Huwa minnu fil-fatt li l-attur kien talab in-nomina ta' awditur. Issir referenza għal dik il-parti tal-verbal tad-9 ta' Ottubru 2014 li taqra hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"**Dr Simone Grech għall-attur titlob in-nomina ta' awditur sabiex jirrelata dwar it-talbiet kontenuti f' dan ir-rikors ġuramentat partikolarment fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni.***
>
> *Dr Mifsud Bonnici għall-konvenut jiddikjara li f' dan l-istadju tali talba hija prematura u għaldaqstant qiegħed jopponi.*
>
> *Il-Qorti:*
>
> *In vista illi l-provi għadhom qed jinġabru **tħalli d-deċiżjoni fuq din it-talba għall-aktar 'il quddiem.***
>
> *Il-kawża qed tiġi differita għall-kontro-eżamijiet u bidu provi konvenuti għas-seduta tas-16 ta' Jannar 2015 fid-9:30am sal-10.30am."*

48. Il-konvenut fir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-attur u jgħid li dan l-aggravju huwa infondat għaliex it-talba għan-nomina ta' awditur fil-fatt ġiet miċħuda. Jirreferi għar-rikors tal-attur tal-31 ta' Ottubru 2016 u jgħid li fost affarijiet oħra l-attur kien għamel referenza għat-talba tiegħu għall-ħatra ta' awditur indipendenti u l-ewwel Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2016 kienet ċaħdet ir-rikors inkluż allura t-talba għall-ħatra ta' awditur indipendenti u għalhekk ma jistax jingħad li ma tatx provvediment. Iżid jgħid li l-attur kien anke ressaq l-ilment tiegħu dwar in-nuqqas ta' ħatra ta' awditur indipendenti fir-rikors kostituzzjonali nru. 99/2016/LSO, liema rikors sussegwentement ġie ċedut mill-istess attur.

49. Din il-Qorti eżaminat ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Ottubru 2016 (li diġa` għamlet referenza għalih fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell tal-attur mill-erba' digrieti fuq imsemmija). Dan ir-rikors jirrigwarda diversi lanjanzi ta' natura proċedurali: fosthom il-fatt li l-ewwel Qorti ċaħditlu r-rikors biex iressaq lill-konvenut sabiex jagħmillu kontro-eżami ulterjuri abbażi tad-dokumenti li ppreżenta wara li għalqu l-provi, u l-fatt li aċċettat li jittella' bħala xhud lil Dr Gordon Cordina, espert *ex parte*, u li jippreżenta rapport minkejja li ma kienx imsemmi bħala xhud. Jagħmel ukoll aċċenn għat-talba tiegħu biex jiġi maħtur awditur indipendenti. Issir referenza għas-segwenti parti tar-rikors tiegħu:

> *"Mill-verbal tal-16 ta' Jannar 2016 jidher li din il-Qorti ippermettiet jittella' bħala xhud lil Dr Gordon Cordina, espert ex parte, u jippreżenta rapport nonostante li ma kienx imsemmi bħala xhud fil-lista tax-xiehda kif titlob il-liġi, wara Dr Simone Grech għan-nom tal-esponent bil-kwalifika li jiġi nominat "auditor" bħala perit wara li tinstemgħa x-xiehda ta' dan ix-xhud mhux dikjarat.*
>
> *Id-digriet tat-2 ta' Ġunju 2016 juri nuqqas serju ta' bilanċ fil-ġudizzju tal-Qorti. Meta l-Qorti tippermetti l-produzzjoni ta' espert ex parte mhux dikjarat u sussegwentment ma tippermettix il-preżentazzjoni (ta') provi ulterjuri lil parti l-oħra, meta lanqas biss indagat jekk kienx hemm oġġezzjoni mill-parti opposta, tkun qed taġixxi mingħajr sens ta' ġustizzja u ekwita`, dak li bl-Ingliż jgħidulu "using two weights and two measures.*
>
> *Aktar aggravanti u ta' preġudizzju huwa l-fatt li wara ġie permess li jippreżenta rapport u jixhed espert ex parte il-Qorti, minkejja dak li hemm fil-verbal tal-16 ta' Jannar 2016, il-Qorti ddeċidiet tgħaddi għas-sentenza qabel ma tinnomina perit u ssir il-perizja, proċedura u prattika normali fi kasijiet simili għal din il-kawża.*
> *…*
>
> *Għaldaqstant għal raġunijiet fuq imsemmija, l-esponent filwaqt li jirriserva d-drittijiet tiegħu kollha għat-termini tal-artikolu 229 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kap 12, jerġa' għal darb' oħra jagħmel it-talbiet li*

> *għamel fir-rikorsi fuq imsemmija u jitlob lil din il-Qorti tawtorizzah jippreżenta l-anness affidavit."*

50. L-ewwel Qorti ddegretat dan ir-rikors hekk:

> *"…għal darb' oħra qed terġa' tiċħad it-talba sabiex jerġgħu jinfetħu l-provi f' din il-kawża u żżomm ferm ir-riserva li fil-każ jirriżultalha, anki fi stadju tas-sentenza li d-dokumenti esebiti mill-konvenut ma kinux awtorizzati, allura tordna l-isfilz tal-istess dokumenti."*

51. Filwaqt li jista' jitqies li r-rikors tal-31 ta' Ottubru 2016 jinkorpora fih talba mill-ġdid għall-ħatra ta' awditur mhuwiex ċar jekk id-digriet tal-Qorti hux fil-fatt qed jiċħad tali talba. Madanakollu, bil-fatt li l-ewwel Qorti llikwidat id-danni hija stess *arbitrio boni viri* (wara li qieset il-konklużjonijiet professjonali kemm tal-*accountant* Dingli prodott mill-atturi, u kemm tal-ekonomista Cordina prodott mill-konvenuti), jiġi li kienet qegħda, anke jekk indirettament, tiċħad it-talba sabiex jiġi nominat awditur. Għalhekk m'għandux jitqies li t-talba għall-ħatra ta' awditur baqgħet ma ġietx deċiża.

52. Jifdal issa li din il-qorti tikkunsidra l-kwantum tad-danni likwidat mill-ewwel Qorti, li dwaru ħassew ruħhom aggravati ż-żewġ partijiet.

53. L-ewwel Qorti eżaminat l-affidavit tal-*accountant* Warren Dingli, prodott mill-atturi, fejn ikkalkula d-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €220,000.62. Hija osservat li huwa wasal għal dan l-ammont wara li (i) assuma li r-raġuni għalfejn ir-ristorant ma setax jaqdi iktar minn 30 *cover* kien unikament minħabba d-daqs żgħir tal-kċina li kellu u li (ii)

kkalkula l-ammont tad-danni abbażi tal-*accounts* tas-soċjeta` attriċi stess. Hija eżaminat ukoll ix-xhieda tal-ekonomista Dr Gordon Cordina prodott mill-konvenut fejn qal li ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-*accountant* għal żewġ raġunijiet: u ċioe` minħabba li (i) skont l-*accounts* tas-soċjeta` attriċi r-ristorant kien iservi medja ta' 10 persuni kuljum (minkejja li kien jiflaħ 30 cover) u (ii) il-"*profit margin*" huwa esaġerat meta komparat ma' dak li hu normali għall-industrija u speċjalment għal dak li hu normali għall-istess ristorant, kif joħroġ mill-istess *audit financial accounts*.

54. L-ewwel Qorti qieset l-argumenti u l-konklużjonijiet ta' dawn iż-żewġ professjonisti u l-provi kollha relattivi, u rriżultalha li l-pretenzjoni ta' danni sofferti mis-soċjeta` attriċi (tramite l-konklużjonijiet tal-*accountant*) kienet waħda esaġerata, partikolarment meta mill-*accounts* tas-soċjeta` attriċi stess jirriżulta li għal mill-inqas tmien snin konsekuttivi kien hemm telf. Qieset li fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ma kinitx fondata t-teżi tal-atturi illi kċina ikbar kienet issarraf f'profitt ta' eluf kbar ta' ewro, anke meta jittieħed kont tal-fatt li kċina ikbar tinvolvi wkoll iktar spejjeż addizzjonali bħal iktar taxxi, iktar ħlas ta' impjegati u iktar kontijiet ta' dawl u ilma. Hija għaddiet biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fuq ħdax-il sena (2000 sa 2011) fl-ammont ta' €50,490. Waslet għal din il-figura wara li qieset li fit-tliet xhur tas-sajf u għal tlett ijiem fil-ġimgħa r-ristorant ġestit mis-soċjeta` attriċi seta' kellu domanda għal 15 *cover* (b'valur ta' €10 kull cover) oltre l-massimu ta' 30 *cover* li kien jiflaħ għalih bil-kċina li kellu,

b'mod li kienet iddaħħal madwar €59,400 iktar; minn dan l-ammont imbagħad naqqset 15% wara li qieset li kien ikollha tħallas it-taxxa u spejjeż ulterjuri marbutin mal-*covers* żejda.

55. Il-konvenut jilmenta li dan l-ammont hu esaġerat. Jargumenta li:

a. l-atturi ma kellhomx esperjenza fit-tmexxija tan-negozju;

b. s-soċjeta` attriċi qatt ma eċċediet il-kapaċita` ta' 30 *cover* kuljum (skont l-*accounts* tas-soċjeta` attriċi il-medja ta' *covers* kien ta' 10);

c. fil-perjodu 2000-2011 li fir-rigward tiegħu ġew likwidati d-danni l-kawża 81/1994 kienet lanqas għaddiet in ġudikat u għalhekk ma setax jinstab responsabbli għal danni għal tali perjodu; u

d. it-tnaqqis ta' 15% rappreżentanti taxxa u spejjeż huwa ferm baxx.

56. L-attur *pro et nomine* da parti tiegħu jilmenta li l-ammont huwa ferm baxx. Jilmenta li l-ewwel Qorti kien messa qagħdet fuq il-konklużjoni tal-*accountant*, u li fi kwalunkwe każ il-mod kif waslet biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* huwa skorrett. Jargumenta li:

(i) wieħed ma jistax jasal għal medja ta' 15-il *cover* għaliex l-ammont ta' *covers* fis-sena fir-ristorant tal-atturi ma jistax jitqassam fuq medda ta' sena meta r-ristorant huwa propondentement staġjonali;

(ii) it-terminu ta' 3 ijiem fil-ġimgħa huwa wkoll ridikolu meta fis-sajf Marsalforn ikun mifqugħ bin-nies;

(iii) l-ammont ta' €10 huwa wkoll ridikolu;

(iv) it-terminu ta' 11-il sena ma jagħmilx sens meta kien imċaħħad minnu għal 13-il sena;

(v) l-ewwel Qorti kellha ssegwi ċerti kriterji biex tistabbilixxi l-ammont ta' danni *arbitrio boni viri* u mhux timxi biss fuq it-teorija tal-*multiplier*. Jirreferi għas-segwenti teoriji li żviluppaw fil-komputazzjoni ta' danni *arbitrio boni viri*, li fosthom hemm:

- il-*<u>multiplier theory</u>* fejn il-konvenut iħallas somma kapitali bbażata fuq dannu annwali subit (f'dan il-każ telf ta' qliegħ ta' kull sena);

- l-*economic loss* fejn id-danni jiġu kkalkulati fuq l-opportunitajiet ekonomiċi mitlufa mill-attur biex id-danneġġjat jinġieb f'sitwazzjoni finanzjarja ugwali għal dik li kien jinsab fiha li kieku ma seħħx id-dannu;

- il-*loss of chance* li jikkonsisti fl-opportunitajiet li kellhom l-atturi biex iwellu jew ibiegħu r-ristorant lil terzi.

57. Din il-Qorti fl-ewwel lok tenfasizza li l-likwidazzjoni tad-danni qatt ma tista tkun waħda assolutament preċiża stante li jiffiguraw diversi fatturi inċerti u ipotetiċi fir-rigward. Hija qieset l-aggravji taż-żewġ naħat fir-rigward tal-komputazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti. Kwantu għat-terminu ta' 11-il sena li fuqu l-ewwel Qorti kkalkulat id-danni, ir-rapport tal-accountant li tant jistrieħu fuqu l-atturi fil-fatt jirrigwarda dan il-perjodu; kwantu għall-ammont ta' €10 għal kull *cover*, din iċ-ċifra toħroġ mir-rapport ta' Warren Dingli stess u għalhekk jistona mhux ftit li l-atturi jarawh "ridikolu", kwantu għall-fatt li l-ewwel Qorti kkalkulat 15-il *cover* iżjed meta l-*cover* medju (10) kien inqas mill-kapaċita` ta' *cover* li kellu r-ristorant (30), dan qisitu biss fuq perjodu staġjonali tas-sajf, meta kif jaf kulħadd iż-żona ta' Marsalforn f'dak il-perjodu tattira ħafna nies u għalhekk f'tali perjodu huwa mistenni li tinqabeż il-medja; kwantu għall-fatt li ħadmet il-15-il *cover* iżjed fil-ġimgħat tas-sajf fuq tlitt ijiem biss, dan ukoll huwa raġunat għaliex ma jistax wieħed jassumi li jkun hemm domanda ta' 45

cover il-jiem kollha tas-sajf; kwantu għall-argumenti dwar it-teoriji l-oħra dawn jirrigwardaw xenarji ipotetiċi li fi kwalunkwe każ, kif josserva l-attur, ma tressqux qabel; kwantu għall-allegat nuqqas ta' esperjenza tal-atturi fil-ġestjoni ta' ristorant din il-qorti tosserva li fil-komputazzjoni tagħha tad-danni l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li għal tmien snin konsekuttivi s-soċjeta` attriċi ddikjarat telf; kwantu għat-tnaqqis ta' 15% rappreżentanti taxxa u spejjeż ulterjuri, din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa baxx wisq (kif isostni l-konvenut) stante li dan ġie kkalkulat fuq id-differenza fin-numru tal-covers *over and above* it-taxxi u spejjeż principali, u allura bilfors li jkunu proporzjonalment inqas, għalhekk ma jreġix l-argument tal-konvenut meta jilmenta li l-ewwel Qorti assumiet li negozju fil-*catering* iħalli profitt ta' 85%.

58. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tvarja l-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti.

Is-seba' aggravju tal-konvenut:

59. Fis-seba' aggravju tiegħu l-konvenut jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu jħallas l-ispejjeż kollha kif mitluba u dawk li għadhom mhux deċiżi. Jargumenta li ladarba l-ewwel Qorti rriduċiet l-ammont mitlub mill-atturi minn €220,000 għal €50,490 dan kellu jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

60. Din il-Qorti ma tarax li għandu raġun. L-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom talbu lill-Qorti tordna lill-konvenut iħallashom (jew min minnhom) id-danni kif likwidati minnha, u mhux biex iħallashom €220,000. Il-fatt li l-*accountant* Warren Dingli, prodott mill-atturi, ikkalkula d-danni fl-ammont ta' €220,000 ma jfissirx li l-kawża saret għall-ħlas ta' dan l-ammont.

61. Għalhekk dan l-aggravju ma jreġix.

**DECIDE:**

62. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut u l-appell inċidentali tal-atturi u qegħda tikkonferma kemm l-erba' digrieti u kif ukoll is-sentenza appellata.

63. Il-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż tal-appell prinċipali u l-atturi għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr